**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA.,LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Paul Camilleri)

**vs**

**Johan Pace**

Illum 5 ta` Dicembru 2001.

Il-Qorti

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Johan Pace ta` 22 sena, bin Geranzio u Dolores Micallef, imwieled Pieta` fit-3 ta` Novembru 1976 u joqghod 43 Marsamxetto Road, il-Belt, Valletta, ID 11077 M, talli:

Fit-18 ta` april 1999, ghall-habta tad-9.00 pm., fi Triq San Diminku il-Belt Valletta, ikkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta` xi parti tal-gisem jew gab difett

permanenti f`parti tal-ghamla tal-gisem ( kisser tlitt sinniet) ta` PC 921 David Sciberras;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament hassa, ghamel hsara jew gharra hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ghamel hsara fil-mutur bin-numru GVP-259 tal-marka Moto Guzzi 750, propjeta` tal-Gvern ta` Malta, liema hsara hija ta` aktar minn Lm50, izda mhux aktar minn Lm500, ghad-dannu tal-istess Gvern ta` Malta;

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta` PC 921 David Sciberras, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta` ordni moghtija skond il-ligi, minn Awtorita` kompetenti;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta` PC 921 David Sciberras, persuna inkarigata skond il-ligi, minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi, fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b`ghajjat glied.

Talli fl-istess data, hin lok u cirkustanzi hebb ghall-imsemmi PC 921 David Sciberras, sabiex jinsulentah, owegghu hew jaghmillu hsara;

Talli fl-istess dat, hin lok u cirkustanzi,  qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f`dagha;

Talli fl-istess data, fil-Furjana,  ghall-habta ta` xi t-8.50 pm., saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAA-903, tal-marka Honda Civic, b`manjiera perikoluza u traksurata,  u b`giri aktar milli jmissu;

Talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi,  ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta` PC 921 David Sciberras, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaqdi id-doveri tieghu;

Talli b`hekk  sar recidiv b`sentenzi li saru definittivi u moeghitja mill-qorti tal-Magistrati ta` Malta, fit-18 ta` Jannar 1995 u fil-21 ta` Marzu 1995.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370 (3)(a) tal-Kodici Kriminali tat-30 ta` Novembru 2000.

Rat li fis-seduta tat-18 ta` Dicembru 2000 l-akkuzat iddikjara li m`ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tal-4 ta` Settembru 2001, l-imputat ammetta dak li hu mixli bih.

Issibu hati.

Rat l-Artikoli 214, 215, 216, 325 (b), 95, 338 (dd) 49, 50 u 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Kapitolu 65 maghdud mal-Avviz Legali128 tal-1994;

Rat li fis-seduta tal-4 ta` Settembru 2001 il-prosekuzzjoni iddikjarat li d-danni imsemmija fl-att tal-akkuza gew imhallsa.

Tikkundanna lill-akkuzat, komplessivament **multa ta` mitejn u hamsin lira maltin (Lm250)** li ghandha tithallas f`rati ta` Lm25 fix-xahar.

Vera kopja

Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.